



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0126 (NLE)

11645/1/20
REV 1

AVIATION 174
RELEX 726
USA 33

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar ir-Rispett għal-Limitazzjonijiet ta' Żmien għall-Arranġamenti għall-Provvista ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea,
tal-Ftehim dwar ir-Rispett għal-Limitazzjonijiet ta' Żmien
għall-Arranġamenti għall-Provvista ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ
bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda
u r-Renju tan-Norveġja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta'... (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1580¹, il-Ftehim dwar ir-Rispett għal-Limitazzjonijiet ta' Żmien għall-Arranġamenti għall-Provvista ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja ("il-Ftehim")² ġie ffirmat fis-27 ta' Awwissu 2019, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f' data iktar tard. Il-Ftehim, li huwa meħmuż għad-Deċiżjoni (UE) 2019/1580 flimkien mal-Memorandum ta' Konsultazzjonijiet³ ġie applikat b'mod proviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu.
- (2) Kif previst mid-Dikjarazzjoni Konġunta li tagħmel parti integrali tal-Ftehim u mid-Deċiżjoni (UE) 2019/1580, il-Ftehim, li ġie ffirmat bl-Ingliż, ġie mfassal ukoll b'lingwi uffiċjali oħra tal-Unjoni u dawk il-verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali għandhom jiġu awtentikati permezz ta' skambju ta' ittri bejn il-Partijiet.
- (3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1580 tat-18 ta' Lulju 2019 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien dwar Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja (ĠU L 245, 25.9.2019, p. 1).

² Il-Ftehim dwar ir-Rispett għal-Limitazzjonijiet ta' Żmien għall-Arranġamenti għall-Provvista ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ (ĠU L 245, 25.9.2019, p. 3).

³ Għall-Memorandum ta' Konsultazzjonijiet, ara d-dokument ST 11100/19 fuq <http://register.consilium.europa.eu>

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar ir-Rispett għal-Limitazzjonijiet ta' Żmien għall-Arranġamenti għall-Provvista ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja, fejn id-Dikjarazzjoni Konġunta tiffirma parti integrali minnu, huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.¹

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 7(1) tal-Ftehim².

¹ It-test tal-Ftehim ġie ppubblikat fi ĠU L 245, 25.9.2019, p. 3, flimkien mad-deċizzjoni dwar l-iffirmar.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
